MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-10 ta' Diċembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 1788/2001/1

**Cit Nru: 1788/01 JA**

**Dusty Tanbone.**

**-vs-**

**Jonathan Incorvaja.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fis-16 ta' Novembru, 2001 li bih l-attur ippremetta:

Illi f' incident awtormobilistiku li sehh nhar it-8 t' April, 2001 f' Dawret San Pawl, San Pawl il-Baha waqt li l-attur kien passigier fil-vettura tal-ghamla Fiat Sei Cento bin-numru tar-registrazzjoni BBM – 171 misjuqa mill-konvenut l-istess konvenut baqa' diehel gewwa arblu tad-dawl.

Illi, hekk kif se jipprova l-atur fil-mori ta' din il-kawza, l-imsemmi incident awtormobilistiku sekk unikament minhabba neglizena, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Illi l-attur sofra danni fuq il-persuna tieghu minhabba tali incident awtomobilistiku hekk kif iccertifika il-konsulent mediku Dr. Victor M. Sultana skond ir-rapport mediku hawn anness u immarkat Dok. DT1.

Illi ghalkemm l-attur debitament interpella lill-konvenut sabiex dan jersaq ghall-likwidazzjoni u eventwali hlas ta' danni, l-istess konvenut baqa' inadempjenti.

Ghalhekk jitlob lill-din l-Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-incident awtomobilistiku li sehh nhar it-8 t' April, 2001 f' Dawret San Pawl. San Pawl il-Baha, fejn l-attur kien passigier fil-vettura tal-ghamla Fiat Sei Cento bin-numru tar-registrazzjoni BBM – 171 u li kienet misjuqa mill-konvenut, sehh unikament minhabba negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur.

3. Tordna lill-konvenut ihallas is-somma hekk likwidata lill-attur ai fini tat-tieni talba.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut li minn issa qieghed jigi ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur mahlufa minnu stess fis-16 ta' Novembru, 2001 u l-lista tax-xhieda.

Rat li l-konvenut debitament noftifikat naqas li jipprezena nota ta' l-eccezzjonijiet u ghalhekk baqa' kontumaci.

Rat l-affidavit ta' l-attur u tax-xhud Heidi Tabone u semghet lill-Professur Victor M. Sultana M.D.

Rat id-dokumenti ezebiti.

Semghet lill-Avukat ta' l-attur.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Novembru, 2003 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi l-attur qed jitlob danni wara li kien passiggier f' incident stradali li sar fit-8 t' April, 2001 f' Ghajn Tuffieha. Il-konvenut li kien qed isuq jidher li tilef il-kontroll tal-vettura "Fiat Sei Cento" li kien qed isuq u spicca go arblu ta' l-elettriku.

B' rizultat li dan l-attur sofra disabilita' ta' 5% kif iccertifika l-Professur Victor M. Sultana illi kkonferma bil-gurament ic-certifikat illi rrilaxxa fit-28 ta' Settembru, 2001.

Rigward l-incident ma' hemmx dubju li gara b' tort tal-konvenut illi baqa' jdur mar-roundabout li hemm f' Dawret San Pawl il-Bahar u tilef il-kontroll tal-vettura. Ma' jidhirx lanqas li kien kaz ta' *'skidding'* dovut ghal xi at imxarba izda semplicement telf ta' kontroll tal-vettura mhabba imperizja.

Ghalhekk il-konvenut hu responsabbli ghall-incident.

Rigward id-danni, jirrizulta biss *lucrum cessans* ghaliex l-attur ma' sofra ebda *damnum ermegens*.

L-attur ghandu biss ghoxrin (20) sena u ghalhekk hu gust li jigi akkordat il-massimu ta' hamsa u ghoxrin (25) sena bhala multiplier.

Hu jippercepicci circa mitejn u hamsin Liri Maltin (Lm250) fix-xahar bahal paga skond il-'pay slip' tieghu (Dok DT4).

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti is-somma pagabbli lill-attur ghandha tkun ta' tlett elef sebgha mija u hamsin Liri Maltin (Lm3,750).

Billi l-attur se jigi akkordat 'lump sum', il-Qorti qed tnaqqas is-somma ta' mitejn u hamsin Lira Maltin (Lm250) arbitro bonii virii u mhux is-solitu ta' 20% ghaliex l-incident gia ilu sentejn u nofs li gara.

**Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u**

**1. tiddikjara li l-incident awtomobbilistiku li sehh fit-8 t' April, 2001 f' San Pawl il-Bahar gara b' tort tal-konvenut;**

**2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur ghas-somma ta' tlett elef u hames mitt Lira Maltin (Lm3,500).**

**3. tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma imsemmija ta' tlett elef u hames mitt Lira Maltin (Lm3,500) lill-attur.**

**Bl-ispejjez kollha jigu sopportati mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------